MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Numru 1025/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**
**vs**

**Matthew Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Matthew Galea, ta’ 24 sena, bin Dominic Galea u Marthese xebba Xuereb, imwieled Pieta nhar l-24 ta’ Novembru 1984, li joqghod Ideal Flats, no 2, Triq FS Caruana (Bishop Caruana Street), Msida, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 571084M.

Billi gie akkuzat:

(a) Talli fix-xhur u granet ta' qabel il-25 ta' Settembru 2008, f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, (airconditions), mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxihom, u aktar talli,

(b) Malli sar jaf li hwejjeg (airconditions) li kienu fil-pussess tieghu kienu misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 334 u 334A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Matthew Galea fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A

u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Matthew Galea ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Matthew Galea jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Matthew Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, tordna a tenur tal-artikolu 382A (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------